# Piju Nonu

**Kif il-Papa ta' l-Immakulata kien se jgħaddi żmien twil f'Malta**

Kitba tal-Kan. Dun Joe Abela B.A. (Hons), H. E.L., Lic.D

## Il-Beatifikazzjoni ta' Piju IX

Nhar il-Ħadd, 3 ta' Settembru, 2000, il-Q.T. il-Papa Ġwanni Pawlu II ibbeatifika lill-Papa Piju IX (Piju Nonu) u lill-Papa Ġwanni XXIII. Għalina f'Bormla l-beatifikazzjoni ta' Piju IX qanqlet memorji sbieħ, għaliex kien hu li fit-8 ta' Diċembru, 1854, iddefinixxa d-**Domma tat-Tnissil bla Tebgħa tal-Verġni Marija**. Iżda kemm hawn min jaf li, biss erba' snin qabel, dan l-istess Papa għal daqsxejn m'għaddiex sena u nofs sħaħ hawn Malta, proprju fiż-żmien meta hu kien qiegħed jipprepara sewwa għal din id-definizzjoni? Mhux hekk biss. Kien se jkun f'Malta fl-istess sena meta żejjen lill-Kapitlu ta' Bormla b'ħafna privileġġi. Tgħid il-Kapitlu ma kienx jistiednu jagħti titwila lill-unika knisja parrokkjali f'Malta dedikata dak iż-żmien lil Marija Immakulata? Naraw x'ġara.



*Il-Papa Piju IX, pittura ta' Ġużeppi Calì fl-awla kapitulari ta' Bormla.*

## Qagħda mwegħra fl-Italja

Fl-1846, meta Piju IX, beda l-pontifikat tiegħu, is-sitwazzjoni politika fl-Italja kienet imħawda ħafna. Biżżejjed ngħidu li l-Italja ma kenitx magħquda f'pajjiż wieħed kif nafuha llum, iżda maqsuma f'numru ġmielu ta' stati indipendenti minn xulxin. P.e. fin-nofsinhar kien hemm **is-saltna taż-Żewġ Sqallijiet** taħt is-slaten Borboni, b'Napli bħala l-belt kapitali; fit-tramuntana kien hemm **is-saltna ta' Savoia**, b'Turin kapitali, u l-**Lombardija u Venezja** taħt l-Awstrija; fiċ-ċentru, barra t-**Toscana** u oħrajn, kien hemm l-**Istati Papali**, b'Ruma l-kapitali.

Il-Papa, barra Vigarju ta' Kristu, kien ukoll kap ta' stat temporali, u din ħolqitlu ħafna problemi, għaliex fl-Italja kien hemm moviment kbir, li nirreferu għalih bħala "**Il Risorgimento**", favur l-għaqda ta' dawn l-istati f'pajjiż wieħed. Il-**Carbonari** kienu ilhom is-snin jitħabtu għal rivoluzzjoni nazzjonali; kellek lill-magħruf **Mazzini**, u aktar

tard, lill-astut diplomatiku **Cavour** ta' Savoia, u l-gwerrier **Garibaldi**. Fl-Istati Papali qam moviment qawwi favur **Repubblika Rumana**. L-istess kardinali kienu maqsumin bejniethom: iż-**żelanti** konservattivi li ma riedu jċedu xejn, u l-**moderati**, lesti għal xi kompromess mal-liberali biex tinżamm il-paċi. F'Ruma **Vincenzo Gioberti** kien favur konfederazzjoni ta' stati, fuq l-eżempju ta' l-Amerka, bil-Papa bħala l-Kap, iżda l-liberali ma riedu xejn anqas minn Repubblika.

## Il-Papa jaħrab lejn Gaeta

Il-Papa Piju IX beda l-pontifikat tiegħu b'ideat liberali. Għall-bidu kien jaqbel mal-moviment nazzjonali favur il-ħelsien sħiħ mill-barranin, u mill-ewwel ħareġ maħfra għall-priġunieri politiċi ġewwa Ruma. Iżda meta deherlu li bħala **Vigarju ta' Kristu** hu ma setax jikkmanda lis-suldati tiegħu jieħdu sehem attiv fil-gwerra, b'mod speċjali kontra l-Awstrija, pajjiż Kattoliku, il-folja nqalbet kontrih. Faqqgħet rivoluzzjoni fl-Istati Papali, u nhar l-**24 ta' Novembru, 1848** hu kellu jaħrab minn Ruma u jsib rifuġju ġewwa Gaeta, protett mis-suldati Naplitani. Ġie kostrett jitlob l-għajnuna militari ta' Franza, u fl-1849 Ruma ġiet okkupata mis-suldati Franċiżi taħt il-Ġeneral Oudinot. **Hawn għal daqsxejn ma daħlitx Malta fin-nofs**!

## Il-Kardinal Ferretti ġewwa Ħal-Lija

Dak iż-żmien gżiritna kienet maħkuma mill-Gvern Ingliż u kien hawn stabbilità politika. Dan ħajjar lil ħafna Taljani, kemm minn naħa u kemm minn oħra, ifittxu rifuġju hawnhekk, biex jeħilsu mill-inkwiet u persekuzzjoni f'pajjiżhom. L-aktar wieħed magħruf minn dawn ir-rifuġjati kien ir-rivoluzzjonarju Sqalli **Francesco Crispi**, li dam żmien joqgħod f'Ħal Tarxien, u snin wara, meta kkwieta kollox, saħansitra laħaq prim ministru ta' l-Italja Magħquda. Sadattant, f'Ħal Lija, viċin il-knisja tal-**Madonna tal-Mirakli**, bħala mistieden tal-familja Delicata, kien hawn il-**Kardinal Ferretti, proprju l-kuġin tal-Papa Piju IX**. Ta' dan il-kardinal wieħed għad jista' jara bukkett tal-ganutell imħolli minnu bħala tifkira lill-Madonna tal-Mirakli. Ferretti tħajjar jissuġġerixxi lill-Papa jiġi hawn Malta, 'il bogħod mill-inkwiet li kellu f'Ruma. Dan ifisser li kieku għaddiet ta' Ferretti, f'Malta Piju IX kien jgħaddi **s-sena u nofs sħaħ** li qatta' f'Gaeta!

## L-Ittra tal-Papa lill-Isqfijiet

Ġewwa Gaeta l-Papa ma qagħadx ma jagħmel xejn. Minkejja l-kwistjonijiet kbar li kellu mar-Repubblikani Rumani u minkejja li kien jinsab eżiljat f'saltna barranija, lilna l-Bormliżi l-aktar li jinteressana hu l-fatt li **moħħu kien qed jhewden dwar Marija Immakulata**. Id-diskussjoni dwar it-Tnissil bla Tebgħa ta' Marija kienet ilha ġejja s-snin kbar fi ħdan il-Knisja, bi Scotu, il-Franġiskani, il-Karmelitani u l-Università ta' Pariġi favur din id-Duttrina. Nhar l-1 ta' Frar, 1849, Piju IX kiteb minn Gaeta lill-Isqfijiet kollha tad-Dinja Kattolika, u talabhom jibagħtulu bil-miktub huma u l-knejjes suġġetti għalihom x'jidhrilhom minn dan it-tagħlim; kienx wasal iż-żmien li l-Papa jitkellem espressament favur il-Konċipiment Immakulat ta' Marija SSma. **Li kieku flok Gaeta l-Papa ġie Malta, ittra daqshekk importanti kienet toħroġ minn pajjiżna**! Hu x'inhu, mill-ftit mijiet ta' Isqfijiet ta' dak iż-żmien, 490, jiġifieri dawk Taljani, Spanjoli u Portugiżi, kienu favur, filwaqt li xi oħrajn, speċjalment dawk Ġermaniżi u Svizzeri ma kienux jaqblu,

għaliex dehrilhom li definizzjoni bħal din kienet se tkompli twessa' l-firda mill-Protestanti.

## Proklamazzjoni tad-Domma

Meta s-sitwazzjoni politika kkalmat ftit, Piju IX reġa' lura lejn il-Vatikan nhar **it-2 ta' Lulju, 1850**, iżda s-suldati Franċiżi baqgħu jippresiedu, minkejja li l-Papa waqqaf mill-ġdid il-Gvern tiegħu, bil-Kardinal Giovanni Antonelli bħala s-Segretarju ġdid ta' l-Istat. Il-kwadru tal-Papa li għandna fis-sagristija lilna jfakkarna li fis-sena 1850 hu żejjen lill-kanonċi ta' Bormla b'diversi privileġġi. Fid-19 ta' Novembru ta' l-istess sena, il-kwadru preżenti tas-santwarju, xogħol il-pittur Pietru Pawl Caruana u donazzjoni ta' Dun Ludovic Mifsud Tommasi, tqiegħed f'postu, flok l-ieħor li issa qiegħed fis-sagristija. Kien f'dan il-perjodu ta' kalma relattiva li **permezz tal-Bolla "Ineffabilis", Piju Nonu ipproklama d-Domma ta' l-Immakulata nhar it-8 ta' Diċembru, 1854.**



*Il-Kappella Ardenti armata fil-Kolleġġjata ta' Bormla fl-okkażjoni tal-mewt tal-Papa Piju IX fl-1878.*

## Il-Kapitlu ta' Bormla fl-1854

Fis-sena 1854 Bormla kienet diġà bdiet tieħu importanza ġmielha bħala ċentru industrijali, kummerċjali u artiktiku, fin-nofsinhar ta' Malta. Hawn kienu jgħixu madwar 10,000 ruħ, b'ħafna rġiel impjegati fis-snajja marbutin mal-Port il-Kbir. Barra n-numru ta' Patrijiet Tereżjani, kien hawn madwar 70 saċerdot, b'Kapitlu ta' 18-il kanonku. Arċipriet kien il-Kan. Mikiel Albanese li fl-1854 kellu 64 sena, u Kurat kien il-Kan. Kostantinu Perovich, ta' 35 sena, Teżorier kien il-Kan. Tumas Agius, Dekan il-Kan. Wiġi Albanese, Primiċerju il-Kan. Anton Darmanin, Penitenzier il-Kan. Mattew Farrugia u ż-żewġ viċi-parroki kienu l-Kan. Rosario Mercieca u l-Kan. Ġużeppi Pullicino. Il-Kan. Pietru Pawl Ellul, wieħed mill-fundaturi tal-Kolleġġjata, kien Kappillan taż-Żejtun.

## L-Ewwel Konċilju Vatikan

Fl-1859 reġgħu bdew il-gwerer fl-Italja favur l-Indipendenza nazzjonali, u l-Istati Papali kollha, inklużi Ravenna u Bologna, barra Ruma, waqgħu f'idejn ir-rivoluzzjonarji. Fl-1869 Piju IX fetaħ l-Ewwel Konċilju Vatikan mill-ġdid fil-Festa tal-Kunċizzjoni, nhar it-8 ta' Diċembru, 1869, wara li kien ilu ma jsir Konċilju Ġenerali fil-Knisja 300 sena sħaħ! Dan il-Konċilju jibqa' mfakkar għat-tagħlim li ħareġ minnu: ġew promulgati żewġ kostituzzjonijiet, "**De Fide Catholica**" u "**De Ecclesia Christi**", primarjament dwar il-

**Primat tal-Papa** fuq l-Insara kollha, u l-klawsola dwar **l-Infallibiltà tal-Papa meta jitkellem dwar tagħlim u morali.**

## L-Unifikazzjoni ta' l-Italja kompluta

Fl-1870 faqqgħet gwerra bejn Franza u l-Prussja (Ġermanja), u s-suldati Franċiżi kellhom iħallu Ruma. Wara ftit Ruma stess waqgħet f'idejn il-qawwiet Nazzjonali li daħlu mill-famuża "**Breccia**" ta' Porta Pia, bis-suldati tal-Papa joffru biss reżistenza nominali. **Hekk seħħet l-għaqda ta' l-Italja f'pajjiż wieħed**. Iżda l-Papa ma qagħadx malajr għal dak li ried il-Gvern Taljan: hu ngħalaq fil-Vatikan qisu priġunier, u pprojbixxa lill-Kattoliċi jieħdu sehem fl-elezzjonijiet għall-Gvern Taljan: "**ne elettori, ne eletti**". Piju IX rebaħ is-simpatija tal-Kattoliċi fid-dinja kollha; kwadri tiegħu kienu numerużi fid-djar Maltin; tiegħu kien l-itwal pontifikat (aktar minn 31 sena); fl-1877 saru ħafna pellegrinaġġi biex ifakkru għeluq il-50 sena mill-Ordinazzjoni Episkopali tiegħu (Isqof ta' Spoleto). Miet fis-sena 1878, fl-eta' ta' 86 sena, u ndifen fil-Bażilika ta' S. Lorenzo, Campo Verano.

Wara l-beatifikazzjoni tiegħu din is-sena, il-Lhud bdew il-protesti għaliex qalu li hu kien Papa anti-Semita. Kien hu li sfurzahom jingħalqu f' "**ghetto**" u kien fi żmienu li l-pulizija tiegħu ħatfu tifel Lhudi biex irabbuh ta' nisrani.

## Tifkiriet tiegħu f'Bormla

Bormla għandna ħafna xi jfakkarna f'dan il-Papa. Barra l-**kwadru tiegħu mdaqqas fis-sagristija** li diġà semmejna, għandna l-**kwadru fis-saqaf tal-kor**, b'Piju IX jipproklama d-Domma, xogħol Virgilio Monti. Kwadru ieħor bl-istess suġġett, xogħol Ġużeppi Calì, illum qiegħed **fis-saqaf ta' l-Awla Kapitulari**. Dan dari kien fis-saqaf ta' wieħed mill-kappelluni tal-knisja. Barra l-knisja kolleġġjali għandna l-**famuża statwa tal-Papa**, li tiddawwar mat-toroq ta' Bormla b'marċ "alla Veneziana" mill-Banda San Ġorġ. Din saret mill-istatwarju Bormliż Ġużeppi Caruana (ta' Marċjol) wara l-aħħar gwerra flok oħra li kienet inqerdet fl-attakki ta' l-għadu. U għandna wkoll id-**Domus Piju IX**, imwaqqaf mill-Kan. Kantur Franġisk Casha fl-1926 u fi żmienna magħruf ma' Malta kollha għall-mejda artistika ta' l-Appostli li tintrama kull sena.



*Il-Papa Piju IX, xogħol is-Surmast Ġużeppi Caruana (ta' Marċjol) fl-1948.*

**Lil Piju IX diffiċli biex tiġġudikah bil-mentalità ta' llum.** Minn żmienu 'l hawn, barra li għaddew seklu u nofs, kellna wkoll it-**Tieni Konċilju Vatikan**, li fetaħ orizzonti ġodda fi ħdan il-Knisja, konċilju msejjaħ mill-Papa Ġwanni XXIII, li beda era ġdida fil-mod li bih il-Knisja tħares lejn il-Lhud. Jekk il-Lhud u ħafna mit-Taljani jsibu x'jikkritikaw f'Piju

IX, mhux hekk il-Knisja Kattolika in ġenerali. Nistgħu ngħidu li hu kien frott taċ-ċirkustanzi u ż-żminijiet li għex fihom. Kemm il-Madonna, li ftit wara l-proklamazzjoni tad-Domma, iddikjarat f'Lourdes li hi l-Immakulata Kunċizzjoni, kemm il-Papa preżenti, bil-beatifikazzjoni tiegħu, urewna li jissimpatizzaw ma' Piju IX. U aħna l-Bormliżi, xejn anqas m'għandna x'nifirħu b'dan il-ġest tal-Papa ta' żmienna li għoġbu jfakkar lid-Dinja Kattolika li minkejja kollox, Piju Nonu kien wieħed mill-aqwa mexxejja li qatt kellna.


*Have a musical Christmas this year with P. Xuereb, the shop for all your music and stationery requirements*

percussion, string, woodwind, brass, keyboard instruments and accessories, a wide range of music books, school and office stationery




**P. Xuereb**
**Music & Stationery**

1, Old Church Street, B'Kara Tel: 496259

Crème Caramel

**PATISSERIE**

ALAN W. CLEWS

*CATERERS FOR ALL OCCASIONS*

St Peter Street,
Fgura

Tel: 693349